



Brussell, 22 ta' Frar 2019
(OR. en)

6551/19

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0224(COD)

CODEC 467
COMER 31
FDI 9
COMPET 152
IND 53

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ msemmija hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 207(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' April 2018².
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2018³.

¹ 12137/19.

² ĠU C 262, 25.7.2018, p. 94.

³ ĠU C 247, 13.7.2018, p. 28.

4. Fl-14 ta' Frar 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill
- japprova, bl-astensjoni tar-Renju Unit, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 72/18;
 - jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum 1 għal din in-nota u li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġislattiv;
 - jordna li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum 2 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 6222/19.